



Brussell, 2 ta' Lulju 2019
(OR. en)

10158/19

ECOFIN 613
UEM 216
SOC 465
EMPL 354
COMPET 494
ENV 584
EDUC 300
RECH 333
ENER 337
JAI 694
FSTR 116
REGIO 152

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	9929/19 - COM(2019) 505 final
Suġġett:	Rakkomandazzjoni għal RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-Ġermanja għall-2019 u li tagħti l-opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-Ġermanja għall-2019

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż l-abbozz ta' Rakkomandazzjoni tal-Kunsill imsemmi hawn fuq, kif rivedut u maqbul minn diversi kumitati tal-Kunsill, ibbażat fuq il-Proposta tal-Kummissjoni COM(2019) 505 final.

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

ta' ...

dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-Ġermanja għall-2019 u li tagħti l-opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-Ġermanja għall-2019

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pozzizzjonijiet ta' budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi², u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

¹ ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

² ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25.

Billi:

- (1) Fil-21 ta' Novembru 2018, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li ta bidu għas-Semestru Ewropew biex tiġi kkoordinata l-politika ekonomika għall-2019. Qieset kif dovut il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, kif ipproklamat mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni fis-17 ta' Novembru 2017. Il-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir ġew approvati mill-Kunsill Ewropew fil-21 ta' Marzu 2019. Fil-21 ta' Novembru 2018, fuq il-bażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni adottat ukoll ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih identifika lill-Ġermanja bħala wieħed mill-Istati Membri li għalihom ser issir analiżi fil-fond. Fl-istess data, il-Kummissjoni adottat ukoll rakkomandazzjoni għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro, li ġiet approvata mill-Kunsill Ewropew fil-21 ta' Marzu 2019. Fid-9 ta' April 2019, il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro³ ('Rakkomandazzjoni tal-2019 għaż-żona tal-euro'), li tistabbilixxi ħames rakkomandazzjonijiet għaż-żona tal-euro ('ir-rakkomandazzjonijiet għaż-żona tal-euro').
- (2) Bħala Stat Membru li l-munita tiegħu hija l-euro, u fid-dawl tar-rabtiet mill-qrib bejn l-ekonomiji fl-unjoni ekonomika u monetarja, jenħtieġ li l-Ġermanja tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa u f'waqtha tar-Rakkomandazzjoni tal-2019 għaż-żona tal-euro, kif riflessa fir-rakkomandazzjonijiet (1) u (2) hawn taħt. B'mod partikolari, il-miżuri ta' investiment u l-appoġġ tat-tkabbir fil-paġi ser jgħinu biex tiġi indirizzata l-ewwel rakkomandazzjoni għaż-żona tal-euro fir-rigward tal-ibbilanċjar mill-ġdid taż-żona tal-euro, u ċ-ċaqliq tat-taxxi lil hinn mix-xogħol ser jgħin biex tiġi indirizzata t-tielet rakkomandazzjoni taż-żona tal-euro fir-rigward tal-funzjonament tas-suq tax-xogħol.

³ ĠU C 136, 12.4.2019, p. 1.

- (3) Ir-rapport tal-pajjiż għall-Ġermanja tal-2019 ġie ppubblikat fis-27 ta' Frar 2019. Dan ir-rapport ivvaluta l-progress tal-Ġermanja fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati mill-Kunsill fit-13 ta' Lulju 2018⁴, is-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati fis-snin preċedenti u l-progress tal-Ġermanja lejn il-miri nazzjonali tagħha ta' Ewropa 2020. Ir-rapport kien jinkludi wkoll analiżi fil-fond skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, li r-riżultati tiegħu wkoll ġew ippubblikati fis-27 ta' Frar 2019. L-analiżi tal-Kummissjoni wasslitha għall-konklużjoni li l-Ġermanja għaddejja minn żbilanċi makroekonomiċi. B'mod partikolari, is-surplus fil-kont kurrenti li qed jonqos bil-mod għadu għoli u għandu rilevanza transfruntiera. Is-surplus naqas ftit fl-2018 fil-kuntest ta' żieda mill-ġdid fid-domanda domestika, u huwa mistenni li jkompli nieżel gradwalment fis-snin li ġejjin filwaqt li jibqa' 'l fuq mil-limitu stabbilit fil-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku. Is-surplus jirrifletti livell baxx ta' investiment domestiku relatat mat-tfaddil kemm fis-settur privat kif ukoll f'dak pubbliku. Ittieħdu miżuri biex tingħata spinta lill-investiment privat u pubbliku, li żdied b'mod sostanzjali. Dan ikkontribwixxa għal tkabbir immexxi aktar mid-domanda domestika. Madankollu, bħala sehem mill-prodott domestiku gross (PDG), l-investiment u l-konsum setgħu kienu mistennija li jikbru aktar minħabba l-kundizzjonijiet ta' finanzjament favorevoli, l-investiment pubbliku pendent, speċjalment fil-livell municipli, u l-ispazju fiskali disponibbli. It-tkabbir tal-pagi żdied xi ftit bis-suq tax-xogħol aktar ristrett, iżda t-tkabbir reali fil-pagi għadu modest.
- (4) Il-Ġermanja ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tagħha tal-2019 fis-16 ta' April 2019 u l-Programm ta' Stabbiltà tagħha tal-2019 fis-17 ta' April 2019. Sabiex jitqiesu r-rabtiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati fl-istess waqt.

⁴ ĠU C 320, 10.9.2018, p. 19.

- (5) Rakkomandazzjonijiet speċifiċi rilevanti għall-pajjiż ġew indirizzati fl-ipprogrammar tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej ("Fondi SIE") għall-perijodu 2014-2020. Kif previst fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵, fejn ikun meħtieġ li jingħata sostenn għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill, il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru li jirrieżamina l-Ftehim ta' Sħubija u l-programmi rilevanti tiegħu u jipproponi emendi għalihom. Il-Kummissjoni pprovdiet iktar dettalji dwar kif tagħmel użu minn dik id-dispożizzjoni fil-linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-miżuri li jorbtu l-effettività tal-Fondi SIE ma' governanza ekonomika tajba.

⁵ Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

- (6) Attwalment, il-Ġermanja tinsab fil-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Fil-Programm ta' Stabbiltà tiegħu tal-2019, il-gvern qed jippjana surplus baġitarju ta' bejn $\frac{1}{2}$ u $\frac{3}{4}$ % tal-PDG matul l-2019-2023. Fuq il-bażi tal-bilanċ strutturali rikalkulat⁶, l-oġġettiv baġitarju fuq terminu medju — deficiċit strutturali ta' 0,5 % tal-PDG — għadu qed jinqabeż matul il-perjodu tal-programm. Skont il-Programm ta' Stabbiltà tal-2019, id-dejn pubbliku bħala proporzjon tal-PDG huwa mistenni li jaqa' aktar 'l isfel mill-valur referenzjarju ta' 60 % tal-PDG skont it-Trattat fl-2019 u li jibqa' jinżel gradwalment għal 51¼ % fl-2023. Ix-xenarju makroekonomiku li jirfed dawk il-projezzjonijiet baġitarji huwa favorevoli. Fuq il-bażi tat-tbassir tar-rebbiegħa għall-2019 tal-Kummissjoni, il-bilanċ strutturali huwa previst li jirreġistra surplus ta' 1,1 % tal-PDG fl-2019 u ta' 0,8 % tal-PDG fl-2020, aktar mill-oġġettiv baġitarju fuq terminu medju. Id-dejn tal-amministrazzjoni pubblika huwa mbassar li ser jibqa' fuq xejra soda 'l isfel. Kumplessivament, il-Kunsill huwa tal-opinjoni li l-Ġermanja hija mistennija li tikkonforma mad-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir fl-2019 u fl-2020. Fl-istess ħin, filwaqt li jiġi rrispettat l-oġġettiv baġitarju fit-terminu l-medju, ikun importanti li jintużaw politiki fiskali u strutturali biex tinkiseb xejra sostnuta 'l fuq fl-investiment pubbliku u privat, b'mod partikolari fil-livelli reġjonali u municiċipali.

⁶ Il-bilanċ aġġustat b'mod ċikliku nett għall-miżuri ta' darba u temporanji, kif ikkalkulat mill-ġdid mill-Kummissjoni bl-użu tal-metodoloġija miftiehma b'mod komuni.

- (7) L-investiment pubbliku u privat żdied b'mod robust fl-2018, iżda l-proporzjon tal-investiment jibqa' taħt il-medja taż-żona tal-euro. L-investiment pubbliku fl-2018 kiber b' 7,7 % nominalment u bi 3,8 % f'termini reali, iżda għad hemm bżonn ta' aktar sforzi biex jiġi ċċarat l-investiment kbir b'lura, b'mod partikolari għall-investiment fl-infrastruttura u fl-edukazzjoni. It-tkabbir reali tal-investiment pubbliku kien pożittiv għal dawn l-aħħar tliet snin, wara perjodu ta' rati ta' tkabbir negattivi. L-investiment nominali fil-livell municiċipali kiber bi kważi parti waħda minn kull ħamsa fl-2018 biss. Dan jirrifletti l-isforzi tal-gvern biex tingħata spinta lill-investiment. Madankollu, l-investiment fil-livell municiċipali baqa' aktar baxx mid-deprezzament. Skont il-KfW Municipal Panel 2019, l-investiment perċepit b'lura akkumulat sal-2018 kien 4 % tal-PDG. Flimkien mal-pożizzjoni baġitarja favorevoli, dan jindika li hemm ambitu biex jiżdied l-investiment fil-livelli kollha tal-gvern, b'mod partikolari fil-livelli reġjonali u municiċipali. L-investiment fl-infrastruttura pubblika għadu miżmum lura minħabba restrizzjonijiet ta' kapaċità u ppjanar fil-livell municiċipali. Il-miżuri biex jingħelbu dawn ir-restrizzjonijiet ġew introdotti, iżda għad iridu juru riżultati tanġibbli sostnuti. Barra minn hekk, hemm lok biex jitjiebu s-servizzi pubbliċi diġitali u l-akkwist pubbliku. L-investiment privat żdied notevolment, iżda mhux fit-tipi kollha ta' assi. L-investiment fit-tagħmir kiber b'mod qawwi b'reazzjoni għal użu ta' kapaċità li laħaq livell rekord. L-investiment fil-qasam tad-djar qed ikompli jiżdied bil-qawwi. Madankollu, is-settur tal-kostruzzjoni issa jirrapporta restrizzjonijiet fil-kapaċità u żidiet fil-prezzijiet. Il-kostruzzjoni mhux residenzjali ilha tiżdied bil-mod il-mod f'termini reali, li jissuġġerixxi li l-infrastruttura essenzjali kellha mnejn ma tlaħħaqx mal-ħtiġijiet tal-ekonomija.

- (8) In-nefqa pubblika fl-edukazzjoni li kienet ta' 4,1 % tal-PDG fl-2017, baqgħet taħt il-medja tal-Unjoni ta' 4,6 %. Min-nefqa totali tal-gvern, 9,3 % ntefqu fuq l-edukazzjoni, li hija wkoll taħt il-medja tal-Unjoni li hija ta' 10,2 %. In-nefqa fl-edukazzjoni u r-riċerka ma laħqitx il-mira nazzjonali ta' 10 %, billi baqgħet 9 % tal-PDG fl-2017. Anke jekk in-nefqa fl-edukazzjoni żdiedet f'termini reali, l-investiment kbir b'lura kiber aktar minħabba żviluppi demografiċi. Il-bidliet leġiżlattivi li jippermettu l-investiment dirett mill-gvern federali fl-edukazzjoni diġitali flimkien mar-riżorsi allokatati mil-Länder (DigitalPakt) huma promettenti, iżda għad iridu juru r-risultati. L-isfidi, bħall-għadd ta' studenti li qed jiżdied, in-nuqqas ta' għalliema, id-diġitalizzazzjoni u l-espansjoni ulterjuri tal-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal ser ikomplu jeħtieġu finanzjament pubbliku adegwat. L-infiq addizzjonali fl-edukazzjoni u fir-riċerka u l-innovazzjoni huwa kruċjali għat-tkabbir potenzjali tal-Ġermanja u għall-adattament għall-bidla teknoloġika.
- (9) F'dawn l-aħħar snin, il-Ġermanja għamlet progress fiż-żieda tal-intensità tar-riċerka u l-iżvilupp tagħha, prinċipalment minħabba ż-żieda fl-infiq fuq ir-riċerka u l-iżvilupp minn kumpaniji kbar, speċjalment fis-setturi tal-manifattura tat-teknoloġija medja u għolja u b'mod partikolari fis-settur awtomobilistiku. L-intensità tar-riċerka u l-iżvilupp tan-negozji żgħar u ta' daqs medju ("SMEs") hija ferm taħt il-medja tal-Unjoni u qed tkompli taqa' lura. L-SMEs għandhom it-tendenza li jibbenefikaw inqas mill-kooperazzjoni ma' istituti pubbliċi ta' riċerka milli jibbenefikaw il-kumpaniji l-kbar. Dawn iż-żewġ fatturi huma ta' ħsara għall-innovazzjoni tan-negozju, li huma fuq xejra ta' tnaqqis fit-tul. L-investiment addizzjonali fir-riċerka u l-iżvilupp huwa essenzjali mhux biss biex tiżdied il-kapaċità ta' innovazzjoni fl-ekonomija kollha u biex tingħata spinta lill-produttività, iżda wkoll biex tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' karbonju u ċirkolari, b'mod partikolari fir-rigward tat-trasport sostenibbli, it-teknoloġiji tal-enerġija ekoloġika, l-ekoinnovazzjoni u r-riċiklaġġ, u biex tkompli tiżdied il-prestazzjoni tas-settur tar-riċerka pubblika u l-kontribut tiegħu għal dawn l-għanijiet.

- (10) Id-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija Ġermaniża miexja 'l quddiem bil-mod u l-SMEs għadhom qed jadottaw it-teknoloġiji diġitali bil-mod. Il-Ġermanja waqgħet lura fl-użu ta' broadband b'kapaċità għolja ħafna (veloċitajiet ta' gigabits) fil-livell nazzjonali, u b'mod partikolari fiż-żoni rurali, fejn investiment aktar b'saħħtu jista' jtejjeb it-tkabbir tal-produttività. Disgħa fil-mija (9 %) biss tal-unitajiet domestiċi Ġermaniżi (f'nofs l-2018) huma koperti minn networks ta' aċċess ta' prestazzjoni għolja, ibbażati fuq il-fibrottika, meta mqabbla mal-medja fl-Unjoni ta' 30 %. Minflok, l-aġġornament tan-networks tat-trasport bil-kejbil tar-ram (vectoring) kompla jkun is-soluzzjoni teknoloġika preferita tal-operatur preeżistenti attwali. Filwaqt li ħafna servizzi jiddependu fuq konnettività b'veloċità għolja ħafna, 23 700 negozju ta' parks kummerċjali ma kinux konnessi ma' network tal-fibra fl-2017 u 28 % mill-kumpaniji kollha ma kellhomx aċċess għal networks ta' mill-inqas 50 megabits. Nuqqas ta' konnettività jżomm lura l-investiment, b'mod partikolari dak tal-SMEs, li bosta minnhom jinsabu f'żoni rurali u semirurali. L-intervent pubbliku fl-użu ta' infrastruttura broadband ultraveloċi (≥ 100 Mbps) fiż-żoni rurali jibqa' kruċjali, u jistgħu jiġu esplorati għażliet differenti li jmorru lil hinn mis-sussidji. Il-prestazzjoni fis-servizzi pubbliċi diġitali u fis-saħħa elettronika hija wkoll ħafna inqas mill-medja tal-Unjoni. Tlieta u erbgħin fil-mija (43 %) biss tal-utenti Ġermaniżi tal-internet użaw is-servizzi elettroniċi tal-gvern fl-2018 (meta mqabbel mal-medja tal-Unjoni ta' 64 %). Fir-rigward tas-saħħa elettronika, 7 % tal-Ġermaniżi użaw is-servizzi tas-saħħa u tal-kura pprovduti online (meta mqabbla mal-medja tal-Unjoni ta' 18 %). Il-preskrizzjoni elettronika tintuża minn 19 % tat-tobba tal-familja (meta mqabbla mal-medja tal-Unjoni ta' 50 %).
- (11) Aktar investiment fl-infrastruttura tat-trasport u f'soluzzjonijiet ta' mobbiltà nadifa huwa meħtieġ fil-Ġermanja biex jiġu indirizzati l-isfidi tal-mobbiltà u tal-kwalità tal-arja, kif ukoll biex jiġu appoġġati l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih. L-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra mit-trasport bit-triq żdiedu matul dawn l-aħħar ħames snin. Il-kwalità tal-arja fil-Ġermanja tagħti lok għal tħassib serju, speċjalment f'żoni urbani fejn it-traffiku huwa responsabbli għal madwar 60 % tal-emissjonijiet dannużi ta' NOx. It-trasport tal-merkanzija jista' jibbenefika minn soluzzjonijiet ta' intermodalità aktar żviluppati. Il-karozzi jibqgħu bil-bosta l-aktar mezz ta' trasport użat għall-ivvjaġġar ta' kuljum u l-ħin medju li wieħed iqatta' f'konġestjonijiet tat-traffiku huwa ta' madwar 30 siegħa fis-sena. Il-konġestjoni u t-tfittxija għal spazji ta' parkeġġ ġew stmati li jiswew EUR 110 biljun fis-sena, jew madwar 4 % tal-PDG tal-Ġermanja. Minkejja li l-vetturi li jaħdmu bi fjuwils alternattivi raw l-ikbar żieda fir-reġistrazzjonijiet il-ġodda, in-numri għadhom baxxi. Il-ċar-sharing u r-ridesharing għadhom mhumieħ sfruttati biżżejjed. Ser ikun meħtieġ ukoll investiment pubbliku u privat konsiderevoli fid-dawl ta' ktajjen ta' provvista ġodda għal batteriji u materja prima kritika.

- (12) In-netwerks tal-elettriku tal-Ġermanja qed jadattaw bil-mod għall-produzzjoni rinnovabbli u għad hemm bżonn ta' investiment sinifikanti fil-grilji ta' trażmissjoni u ta' distribuzzjoni. Dewmien sostanzjali fit-twettiq ta' ħafna proġetti wassal għal spejjeż konsiderevoli għan-netwerks tal-elettriku u s-swieq tal-elettriku Ġermaniżi u Ewropej. Minn 1 800 km tal-proġetti tal-grilja identifikati fl-Att tal-2009 dwar l-Espansjoni tan-Netwerk tal-Enerġija, kienu ġew implimentati madwar 800 km biss sat-tieni kwart tal-2018, parzjalment minħabba l-oppożizzjoni pubblika. Id-dewmien fl-estensjoni tal-grilja jwassal għal kostijiet ogħla ta' konġestjoni u jirriżulta f'aktar distorsjonijiet fil-funzjonament tas-suq, kemm fil-Ġermanja kif ukoll bejn il-fruntieri. L-investimenti f'netwerks tal-enerġija li jippromwovu l-akkoppjament tas-settur, id-diversifikazzjoni u l-infrastruttura tal-grilja xierqa huma kruċjali għall-flessibbiltà tas-sistema tal-enerġija u għal integrazzjoni aħjar fost is-setturi differenti tal-ekonomija bl-għan li jintlaħqu l-miri tal-enerġija u tal-klima.
- (13) L-akkomodazzjoni fil-Ġermanja saret inqas affordabbli. Mill-2015 'l hawn, kemm il-kirjiet kif ukoll il-prezzijiet tad-djar kibru b'rata aktar mgħaġġla mill-medji tagħhom fit-tul, b'mod partikolari fi bliet kbar. Fl-2017, 20 % tal-persuni ta' 65 sena u aktar fil-Ġermanja ħabbtu wiċċhom ma' piż eċċessiv tal-kost tal-akkomodazzjoni (jiġifieri, l-ispiża totali tal-akkomodazzjoni kienet tirrappreżenta aktar minn 40 % tal-introjtu disponibbli tagħhom), meta mqabbla ma' 10 % għall-Ewropej ta' 65 sena u aktar. Għall-popolazzjoni bl-aktar introjtu baxx, ir-rata ta' piż żejjed fuq l-akkomodazzjoni kienet ta' 10 punti perċentwali ogħla mill-medja tal-Unjoni ta' 35,3 %. Il-gvern irreaġixxa b'ċerti miżuri, inkluż b'"iffriżar tal-prezzijiet" li jirrestrinġi ż-żidiet fil-kera (Mietpreisbremse), skema ta' appoġġ biex tinxtara proprjetà ġdida (Baukindergeld), kif ukoll bidla fil-liġi bażika biex tippermetti li l-livell federali jappoġġa finanzjarjament il-bini ta' akkomodazzjoni soċjali. Madankollu, it-tlestija ta' abitazzjonijiet ġodda tibqa' ferm taħt id-domanda u ferm taħt il-mira tal-gvern ta' 375 000 fis-sena. Jistgħu jkunu meħtieġa aktar miżuri, bħall-aċċelerazzjoni tal-kostruzzjoni ta' akkomodazzjoni soċjali, it-titjib tal-għażliet tat-trasport, kif ukoll ir-riforma tal-użu tal-art u r-regolamentazzjoni tal-bini.

- (14) Il-Ġermanja b'mod partikolari bbenefikat mill-integrazzjoni fis-suq intern u għandha rwol importanti fl-iżvilupp ulterjuri tagħha. Madankollu, l-ostakli għall-kompetizzjoni fis-setturi tas-servizzi tan-negozju fil-Ġermanja għadhom għoljin meta mqabbla ma' Stati Membri oħra. Dan jikkonċerna diversi oqsma, inklużi l-professjonijiet regolati bħall-arkitettura, l-inġinerija, u s-servizzi legali, fejn ir-restrizzjonijiet regolatorji, bħar-riżerva ta' attivitajiet u r-regolamentazzjoni tal-prezzijiet u tat-tariffi, joħonqu l-kompetizzjoni. Madankollu, anki s-servizzi tan-negozju mhux regolati qed jiffaċċjaw aktar restrizzjonijiet għall-ambjent tan-negozju ġenerali meta mqabbla ma' Stati Membri oħra. Il-bidliet fir-regolamentazzjoni tas-servizzi tan-negozju biex tiżdied il-kompetizzjoni jagħtu spinta lill-effiċjenza u l-effettività tal-investment u l-attività ekonomika.
- (15) Wara xi titjib fis-snin preċedenti, flit li xejn sar progress matul is-sena li għaddiet biex tiġi riformata s-sistema fiskali tal-Ġermanja biex jitrawmu l-investment u t-tkabbir privat domestiku. Is-sistema tat-taxxa tibqa' kumplessa, twassal għal distorsjoni fit-teħid tad-deċiżjonijiet, pereżempju dwar il-parteciċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, l-investment u l-finanzjament, u tista' tipprovdi inċentivi aktar effettivi għall-investment u l-konsum. Il-biċċa l-kbira tal-progress ġie rreġistrat bit-tassazzjoni fuq ix-xogħol, iżda din għadha mhix viżibbli fid-data. Għad hemm potenzjal biex titnaqqas it-tassazzjoni distortiva fuq ix-xogħol permezz ta' bidla fit-taxxa lil hinn mix-xogħol għal sorsi ta' dħul li jkunu aktar favorevoli għat-tkabbir inklużiv u sostenibbli. It-tassazzjoni fuq il-qligħ mix-xogħol fl-2018 (il-porzjon ta' taxxa) baqgħet fost l-ogħla fl-Unjoni, kemm għal daww b'paga medja kif ukoll għal daww b'paga baxxa. Il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali tal-impjegati huma partikolarment għoljin f'paragun ma' pajjiżi oħra, u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali b'mod ġenerali jammontaw għal madwar żewġ terzi tal-porzjon ta' taxxa, filwaqt li t-taxxa fuq l-introjtu tammonta għal terz. Konsegwentement, id-dħul mit-taxxi ambjentali bħala sehem tal-PDG huma fost l-aktar baxxi fl-Unjoni. Il-kost tal-kapital u r-rata tat-taxxa korporattiva medja effettiva, li jvarjaw bejn ir-reġjuni, huma fost l-ogħla fl-Unjoni. Ir-rata tat-taxxa medja effettiva kienet tammonta għal 28,8 % (l-aggregat nazzjonali) meta mqabbla mal-medja fl-Unjoni ta' 20 %. Minħabba l-interazzjoni bejn it-taxxa korporattiva, it-taxxa kummerċjali lokali u s-soprataxxa ta' solidarjetà, is-sistema tat-taxxa korporattiva hija kumplessa, tinvolvi spejjeż amministrattivi għolja u toħloq distorsjonijiet fil-livell u l-lok tal-investimenti. Barra minn hekk, it-taxxa korporattiva tgħawweġ id-deċiżjonijiet ta' finanzjament, bi preġudizzju lejn il-finanzjament b'dejn, li huwa stmat li huwa t-tielet l-ogħla fl-Unjoni, skont id-data tal-2017. It-tnaqqis tal-ispejjeż kapitali fuq l-ekwità jista' jżid l-investment privat u jsaħħaħ is-suq ta' kapital ta' riskju li huwa relattivament sottożvilupp.

- (16) Is-suq tax-xogħol għadu b'saħħtu, filwaqt li l-potenzjal tas-suq tax-xogħol ta' ċerti gruppi mhuwiex użat biżżejjed. Ir-rata tal-impjiegi għall-etajiet bejn l-20 u l-64 sena laħqet id-79,9 % fir-raba' kwart tal-2018, waħda mill-ogħla fl-Unjoni. Il-qgħad niżel għal livell baxx rekord ta' 3,2 % sal-bidu tal-2019. Ir-rata għolja ta' postijiet tax-xogħol battala u n-nuqqas ta' ħaddiema qed isiru dejjem aktar evidenti u qed irażżnu l-produzzjoni b'mod sinifikanti f'xi reġjuni u setturi. Madankollu, il-potenzjal tas-suq tax-xogħol ta' ċerti gruppi bħan-nisa u l-persuni bi sfond ta' migrazzjoni, mhux qed jiżviluppa biżżejjed. Fil-livell ta' 46,7 %, il-perċentwal ta' nisa li jaħdmu part-time fil-Ġermanja huwa għoli ħafna. It-taxxi fuq ix-xogħol fil-Ġermanja għadhom relattivament għoljin, inkluż għal persuni b'paga baxxi. Ir-regoli partikolari li jirregolaw it-tassazzjoni konġunta fuq l-introjtu għal koppji miżżewġin (*Ehegattensplitting*) jrażżnu l-inċentivi biex it-tieni sors ta' dħul jaħdem, b'mod partikolari għal sigħat itwal. Persuni bi sfond ta' migrazzjoni għandhom rata ta' impjieg konsiderevolment aktar baxxa minn persuni li twieldu fil-pajjiż, b'differenza partikolarment għolja għan-nisa. Ittieħdu miżuri biex jappoġġjaw l-integrazzjoni tar-refuġjati fis-suq tax-xogħol, iżda għad hemm l-isfidi, inkluż in-nuqqas ta' profiċjenza fil-lingwa Ġermaniża, il-kwalifiki nieqsa jew mhux trasferibbli, ir-responsabbiltajiet ta' kura tat-tfal u tal-qraba, u n-nuqqas ta' esperjenza b'regoli informali fis-suq tax-xogħol Ġermaniż.
- (17) L-irtirar tal-ġenerazzjoni tal-baby boomers qed jaffettwa lill-Ġermanja aktar minn Stati Membri oħra. Fuq medda fit-tul, din il-bidla demografika ser toħloq pressjoni fuq il-finanzi pubbliċi Ġermaniżi, tista' tisfida l-adeqwatezza tal-pensjonijiet, u tista' tiddegrada s-sehem attwalment limitat tal-popolazzjoni anzjana (ta' 65 sena jew aktar) li tinsab fir-riskju tal-faqar jew tal-inklużjoni soċjali. Sal-2040, il-pajjiż huwa mistenni li jkun qed jiffaċċja waħda mill-akbar żidiet fl-infiq f'dak li għandu x'jaqsam mal-PDG fuq pensjonijiet pubbliċi fl-Unjoni (żieda ta' 1,9 punti perċentwali tal-PDG), filwaqt li l-proporzjon tal-benefiċċju tal-pensjoni pubblika huwa mistenni li jonqos b' 4,4 punti perċentwali, għal 37,6 %, skont ir-Rapport dwar it-Tixjiħ tal-2018 (il-Kummissjoni Ewropea, 2018d). Ir-riformi reċenti fil-pensjonijiet żiedu l-livelli ta' benefiċċju għal ċerti gruppi, madankollu mhuwiex ċar li l-benefiċċji soċjali miksuba huma proporzjonati għall-kost fiskali konsiderevoli tagħhom. Il-gvern iffissa wkoll żewġ "linji ta' waqfien" (*doppelte Haltelinie*): rata massima ta' kontribuzzjoni għall-pensjoni ta' 20 % u rati minimi ta' sostituzzjoni tal-introjtu ta' 48 % sal-2025. Iż-żamma ta' dawn il-limiti hija mistennija li tirrikjedi trasferimenti fiskali sinifikanti, li jżidu aktar il-piż fuq il-ġenerazzjonijiet żgħażaġh. Barra minn hekk, l-adeqwatezza tal-introjtu tal-irtirar ta' ħaddiema b'introjtu baxx għadha kwistjoni.

- (18) Minkejja n-nuqqas dejjem jikber ta' ħaddiema, it-tkabbir reali tal-pagi għadu modest, filwaqt li l-qligħ nominali żdied bi 3,1 % fl-2018. Barra minn hekk, konċentrazzjoni ta' tkabbir fl-impjiegi, jiġifieri f'impjiegi full-time mħallsa aħjar u tnaqqis tas-sehem ta' xogħol part-time marġinali f'impjiegi totali, kkontribwixxew għal tkabbir ġenerali fil-pagi fl-2018, ukoll f'it aktar mit-tkabbir tal-produttività. Il-kopertura tan-negozjar kollettiv kompliet tonqos (b' żewġ (2) punti perċentwali mill-2016 sal-2017), għal 49 % fil-Punent u 34 % fil-Lvant. Hemm differenzi sinifikanti f'termini ta' kopertura fis-setturi kollha, b'kopertura aħjar fis-settur pubbliku u l-industrija, filwaqt li s-servizzi għandhom kopertura ferm aktar baxxa. Il-ħaddiema b'paga baxxa bbenefikaw b'mod ġenerali mill-paga minima li ġiet introdotta mill-2015 'l hawn. Il-pagi fis-sieġha fil-qiegħ nett tad-distribuzzjoni tal-pagi, b'mod partikolari ż-żewġ deċili ta' pagi l-aktar baxxi, żdiedu b'mod sostanzjali. Madankollu, is-sehem ta' ħaddiema b'pagi baxxi, fil-livell ta' 22,5 % fl-2017, għadu ferm ogħla mill-medja tal-Unjoni. L-għadd ta' persuni impjegati biss f'impjiegi żgħar naqas b'6,8 % matul l-2010-2018 u l-impjiegi soġġetti għall-assikurazzjoni soċjali żdiedu b'madwar 18,1 % fl-istess perijodu. It-tisħiħ tal-kundizzjonijiet biex jiġi promoss it-tkabbir fil-pagi jkun jappoġġja d-domanda domestika u jikkontribwixxi għall-ibbilanċjar mill-ġdid taż-żona tal-euro.
- (19) Fil-Ġermanja, il-mobilità soċjali 'l fuq fl-edukazzjoni hija baxxa. Is-sorsi nazzjonali jikkonfermaw f'it progress fit-tnaqqis tal-influwenza tal-isfond soċjoekonomiku fuq ir-risultati edukattivi. Il-Ġermanja għandha rekord tajjeb ta' integrazzjoni tal-migranti u r-refuġjati li waslu reċentement, fl-edukazzjoni u t-taħriġ. Madankollu, il-persuni bi sfond ta' migrazzjoni tipikament jiffaċċjaw sfidi akbar minn studenti li twieldu fil-pajjiż (eż., ir-rati ta' tluq bikri mill-iskola u d-diffikultà li jsibu postijiet ta' apprendistat). Il-klassijiet li dejjem aktar qed isiru eteroġenji jitolbu sforzi qawwija biex tissaħħaħ il-professjoni tal-għalliema, fi żmien ta' nuqqas diġà konsiderevoli ta' għalliema. Il-parteċipazzjoni ta' impjegati fit-tagħlim għall-adulti hija ta' tħassib għall-prestazzjoni futura tal-ħaddiema fis-suq tax-xogħol, partikolarment għas-6,2 miljun persuna li m'għandhomx il-ħiliet bażiċi ta' qari u kitba.

- (20) Għalkemm l-għadd ta' persuni f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali naqas minn meta laħaq il-massimu tiegħu fl-2014, l-isfidi fil-qasam tal-ugwaljanza jibqgħu hemm. B'mod partikolari, ir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali fl-2017, kien 67 punti perċentwali akbar għat-tfal ta' ġenituri b'ħiliet baxxi milli għat-tfal ta' ġenituri b'ħiliet għolja. Din id-differenza hija sostanzjalment ogħla mid-distakk medju (ta' 53,9 punti perċentwali) fl-Unjoni.
- (21) L-ipprogrammar tal-fondi tal-Unjoni għall-perijodu 2021-2027 jista' jgħin biex jiġu indirizzati xi wħud mil-lakuni identifikati fir-rakkomandazzjonijiet, b'mod partikolari fl-oqsma koperti mill-Anness D tar-rapport tal-pajjiż tal-2019. Dan jippermetti li l-Ġermanja tagħmel l-aħjar użu minn dawn il-fondi fir-rigward tas-setturi identifikati, filwaqt li jitqiesu d-differenzi reġjonali.
- (22) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew tal-2019, il-Kummissjoni għamlet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tal-Ġermanja u ppubblikatha fir-rapport tal-pajjiż tal-2019. Hija vvalutat ukoll il-Programm ta' Stabbiltà tal-2019, il-Programm ta' Riforma Nazzjonali tal-2019 u s-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet indirizzati lill-Ġermanja fis-snin preċedenti. Il-Kummissjoni mhux biss qieset ir-rilevanza tagħhom għall-politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fil-Ġermanja, iżda qieset ukoll il-konformità tagħhom mar-regoli u mal-gwida tal-Unjoni, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika kumplessiva tal-Unjoni billi jingħata kontribut fil-livell tal-Unjoni għad-deċiżjonijiet nazzjonali futuri.
- (23) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà 2019 u huwa tal-opinjoni⁷ li l-Ġermanja hija mistennija tikkonforma mal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.
- (24) Fid-dawl tal-analiżi fil-fond mill-Kummissjoni u ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2019 u l-Programm ta' Stabbiltà tal-2019. Ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu magħmula skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet (1) u (2) hawn taħt. Dawk ir-rakkomandazzjonijiet jikkontribwixxu wkoll għall-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-2019 għaż-żona tal-euro, b'mod partikolari l-ewwel rakkomandazzjoni għaż-żona tal-euro. Il-politiki fiskali msemija fir-rakkomandazzjoni (1) hawn taħt jikkontribwixxu, fost l-oħrajn, biex jiġu indirizzati l-iżbilanċi marbuta mas-surplus fil-kont kurrenti,

⁷ Skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Ġermanja tieġu azzjoni fl-2019 u fl-2020 biex:

1. Filwaqt li tirrispetta l-oġġettiv baġitarju fuq perjodu medju ta' żmien, tuża politiki fiskali u strutturali biex tikseb xejra sostnuta 'l fuq fl-investiment privat u pubbliku, b'mod partikolari fil-livell reġjonali u municiġpali. Tiffoka l-politika ekonomika marbuta mal-investiment fuq l-edukazzjoni; fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni; fuq id-diġitalizzazzjoni u l-broadband b'kapaċità għolja haġna; fuq it-trasport sostenibbli kif ukoll fuq in-netwerks tal-enerġija u l-akkomodazzjoni affordabbli, waqt li jitqiesu d-differenzi reġjonali. Tmexxi t-taxxi lil hinn mix-xogħol għal fuq sorsi ta' inqas ħsara għat-tkabbir inklużiv u sostenibbli. Issaħħaħ il-kompetizzjoni fis-servizzi tan-negożji u l-professjonijiet regolati.
2. Tnaqqas id-dizincċentivi biex jinħadmu aktar siġħat, inkluż il-porzjon ta' taxxa għolja, b'mod partikolari għall-ħaddiema b'paga baxxa u dawġ li huma t-tieni sors ta' dħul. Tieġu miżuri biex tissalvagwardja s-sostenibbiltà fit-tul tas-sistema tal-pensjonijiet, filwaqt li tippreserva l-adeġwatezza. Issaħħaħ il-kundizzjonijiet li jappoġġaw it-tkabbir fil-paġi, filwaqt li jiġi rispettat ir-rwol tas-sħab soġjali. Ittejjeb l-eżiti tal-edukazzjoni u l-livelli ta' ħiliet ta' gruppi żvantaġġati.

Maġħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President
